**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**FIT-TRIBUNAL TAL-KONSUMATUR**

Melanie Micallef Faure u Wayne Micallef

vs

Christian Zammit - CMZ Woodworks

CCT G/1/22/MS

24 ta' Frar 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fid-29 ta' Marzu 2022, fejn talbu lil dan it-Tribunal jikkundanna l-intimat ihallashom is-somma ta' elf mija u hamsin euro (€1,150,00), rapprezentanti tlett depoziti mhallsa minnhom ghall-produzzjoni ta' bieb ta' barra u zewg *vanity units* ghal kmamar tal-banju, li qatt ma gew konsenjati mid-data tal-ordni fi Frar 2021.

Ra illi l-intimat/ azjenda intimata, debitament notifikat/a bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dahal/dahlet l-ebda risposta u hadd ma deher meta hekk imsejjah biex jixhed.

Ra l-atti kollha tal-process

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Jannar tas-sena 2021, ir-rikorrent Wayne Micallef avvicina lil Christian Zammit sabiex jordna bieb ta' barra ghall-appartament tieghu. F'Jannar l-intimat gie jkejjel bl-intendiment illi sa Gunju / Lulju l-bieb jigi konsenjat. Fi Frar 2021 sar l-ewwel depozitu ta' mitejn u hamsin euro. (Ara estimate datat 3 ta' Frar 2021). F'Marzu, r-rikorrent rega' ghamel kuntatt mal-intimat u ordna zewg *vanity units.* Fil-5 ta' Lulju 2021, l-intimat rega' talbu depozitu iehor ta' erba' mitt euro, u fid-29 ta' Ottubru 2021 sar depozitu iehor ta' hames mitt euro. Il-bibien qatt ma gew installati/konsenjati u lanqas il-*vanity units*.

Illi xehdet ukoll Melanie Faure illi kkonfermat dak kollu li qal ir-rikorrent. Qalet ukoll illi l-intimat kien arroganti maghha meta baghtitlu messaggi, u esebiet sett ta' dokumenti li juru t-transcripts ta' dawn il-messaggi. F'dawn il-messaggi jidher car illi l-intimat kien anke accetta illi jaghtihom il-flus lura (ara messaggi mibghuta fit-28 ta' Ottubru 2021 u fit-23 Novembru 2021).

Illi l-intimat qatt ma deher biex jaghti x-xhieda tieghu u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni ohra, li b'xi mod tikkontrasta dak li qeghdin jghidu r-rikorrenti, li huwa verosimili u anke korroborat minn dokumenti u messaggi.

It-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ippruvaw l-istanza taghhom u li t-talba taghhom ghandha tigi akkordata fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna l-intimat/ azjenda intimata in solidum bejniethom, ihallas/ thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf mija u hamsin euro (€1150.00) ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Bl-ispejjes kontra l-intimat/ l-azjenda intimata.

Michela Spiteri Av.
Arbitru